

Brussell, 14 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5082/26  
ADD 1 REV 1

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2025/0289 (COD)**

---

---

CODEC 12  
COH 3

### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lil Stati Membri skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

---

### **Il-Bulgarija talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**

F'konformità mal-qafas legali applikabbli li jirregola r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, il-Bulgarija ppreżentat kif xieraq talba għal pagament għal nefqiet ivverifikati li jammontaw għal EUR 882 158.92, imġarrba qabel it-30 ta' Settembru 2024, li għadha ma ġietx rimborżata mill-Kummissjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest il-Bulgarija tqis li l-ammont imsemmi hawn fuq ma għandux jiġi affettwat mill-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lil Stati Membri taħt ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit" [2025/0289 (COD)].

## **L-Italja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**

Filwaqt li tirrikonoxxi r-riżultati tal-Analiżi ta' Nofs it-Terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-ammonti tal-2025 skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, l-Italja tenfasizza d-diffikultajiet operazzjonali li jirriżultaw mir-reviżjoni teknika inkluża fil-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755, b'impatt ta' €30.8 miljun fuq l-allokazzjoni Taljana, fid-dawl tal-impenji legalment vinkolanti magħmula fil-livell internazzjonali.

L-Italja tfakkar fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom ittiegħdet din id-deċiżjoni fil-kuntest tal-Analiżi ta' Nofs it-Terminu u tissottolinja li tali intervent fl-allokazzjoni finanzjarja ta' strument implimentat ma għandux jistabbilixxi preċedent, u b'hekk jissalvagwardja l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi pubbliċi mill-korpi amministrattivi kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni.

---